**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Johann J. Fenech]**

**vs**

**Mario Mallia**

**Kumpilazzjoni Numru: 425/14**

**Illum, 12 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mario Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 325261M akkuzat talli fid-29 ta' April, 2013, ghall-habta tat-18:30hrs gewwa Triq Hal Tarxien, Gudja:

(1) Saq vettura JQZ 568 u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis

tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru. GAO 449 w involontarjament ikkaguna hsarat fl-istess vettura li kien qieghed isuq ghad-dannu ta' Burmarrad Commerials Ltd.

(2) U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru. GAO 449 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Joseph Barbara.

(3) U aktar meta b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rosette Mallia skond kif iccertifika Dr. Winston Bartolo M.D. Reg - 5325 mill-M.D.H.

(4) U aktar meta b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marius Bugeja skond kif iccertifika Dr. Winston Bartolo M.D. Reg - 5325 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li hu jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha inkluz dik tal-imputat u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-imputat JQZ 568 u l-vettura tal-parte Mario Barbara GAQ 449 liema incident sehh fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April elfejn u tlettax (2013) fi Triq Hal Tarxien, Gudja u fejn Marius Bugeja u Rosette Mallia garrbu griehi gravi u hfief rispettivament hekk kif kienu ccertifikati minn Dr. Winston Bartolo.

Semghet ix-xhieda tas-Surgent PS 827 li mar fuq il-post *a tempo vergine* dakinhar tal-incident u fejn esebixxa skizz li ghamel fuq il-post li juri l-karozza tal-imputat diga' fuq il-karreggjata l-opposta tat-triq u l-karrozza tas-sewwieq l-iehor turi trajjettorja ta' *skid marks* ta' tletin (30) metru fejn dawn jibdew minn karreggjata u jkomplu fil-karreggjata l-opposta u cioe' fejn kienet qieghda l-vettura tal-imputat.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' wiehed mill-vittmi ta' dan l-incident u cioe' **Marius Bugeja** fejn dan kien riekeb fil-vettura GAQ 449 misjuqa minn Mario Barbara u fejn garrab griehi gravi per konsegwenza ta' dan l-incident. Marius Bugeja jghid illi huma kienu qeghdin isuqu f'din it-triq meta f'daqqa wahda raw il-vettura tal-imputat taqsam it-triq u per konsegwenza s-sewwieq, minflok tefa' l-vettura tieghu lejn ix-xellug biex skont hu ma jidhlux fil-hajt, tefaghha fuq il-lemin, bil-konsegwenza li saret il-kolluzjoni. Fuq kontro-ezami tad-difiza ghall-*ispeed* li kienu ghaddejjin bih, ix-xhud kien pjuttost titubanti sabiex jirrispondi u wara hafna insistenza huwa qal li kienu ghaddejjin b'velocita' normali ghall-*bypass* u cioe' cirka tmenin (80) kilometru fis-siegha.

Illi rrizulta li z-zewg vetturi gew *beyond economical repair* bid-daqqa li hadu.

Irrizulta wkoll mix-xhieda tat-tabib **<u>Dr. Winston Bartolo</u>** li tliet min-nies involuti fl-incident garrbu griehi u cioe' l-imputat Mario Mallia li garrab griehi hfief, il-mara tieghu Rosette Mallia garrbet griehi gravi peress li kellha frattura fir-*radius* u l-*ulna* tal-lemin, u Marius Bugeja li garrab griehi gravi konsistenti fi ksur fil-*humerus* u diversi brix. Dan tal-ahhar sofra wkoll dizabilita' permanenti hekk kif gie ccertifikat permezz ta' rapport ta' Dr. Alec Sultana li jinsab esebit a fol. tnejn u ghoxrin (22) tal-process.

Irrizulta wkoll illi s-sewwieq l-iehor ma riedx jixhed f'dawn il-proceduri stante li ma riedx jinkrimina ruhu peress li kien hemm proceduri ohra quddiem Qorti ohra fuq l-istess incident. Irrizulta sussegwentement illi dawn gew maqtuha kontrih fuq ammissjoni tieghu stess ghar-responsabilita' tal-incident *de quo* (Dok. AZM 1).

Illi semghet ix-xhieda ta' Rosette Mallia li minhabba parentela mal-imputat hija ghazlet li ma tixhidx u rrinunzjat ghal dak li hu rrinunzjabbli.

Illi finalment semghet lill-imputat Mario Mallia fejn dan spjega dettaljatament id-dinamika tal-incident u jghid senjatament:

> *"Jigifieri meta gejt biex nohrog ghal go Triq il-main road, li hija Triq Hal Tarxien, ovvjament, waqaft, waqaft, I came to a dead halt, harist both sides u mhux darba. Inhares kemm il-darba jiena ghaliex I want to be sure. L-ahhar li nhares dejjem to the, to the, to my right fejn ikun gej it-traffiku l-iktar vicin in-naha tieghi. . . .*
>
> *Il-vista ttik thirty, thirty five, forty metres ghax it-triq mhix dritta. It-triq tibbendja. . . .*
>
> *Meta rajt li mhu gej xejn on both sides, jigifieri, ma kien hemm xejn assolutament, bdejt hiereg lejn in-nofs tat-triq u qbizt il-line biex naqleb il-carriageway u bdejt immil lejn it-Triq tal-Barrani to my right."*

Fuq il-mument tal-incident l-imputat jghid ukoll:

> *"Dak il-hin nara karrozza gejja fuqi. Ghedt: "dan ghaddej wrong way". E niftakar dahna bajda li kien ovvjament il-lakstu tat-tyres qed jinharqu bil-brejk li zamm u Rosette qaltli, qaltli: "Dan ghal fuqna." U fil-fatt dil-karrozza dahlet fil-karrozza tieghi e n-naha tad-driver, in-naha ta' quddiem, mit-tieqa 'l quddiem dahal e u bid-daqqa l-karrozza tieghi swingjat ninety degrees jigifieri fejn jiena kont qieghed ha nibda nxaqleb lejn it-Triq".*

L-imputat esebixxa serje ta' ritratti (Dok. MM 1) li juru xeni mit-triq mertu tal-incident u cioe' fosthom li t-triq inkwistjoni ghandha limitu ta' velocita' ta' hamsin (50) kilometru fis-siegha u li qabel minn fejn hareg l-imputat hemm sinjal li juri li hemm hrug ma tantx jidher u ghalhekk is-sewwieqa li kienu gejjin mill-*main road* bhas-sewwieq l-iehor, kellhom ikunu aktar attenti u jnaqqsu l-velocita'. Illi ritratti ohra juri li l-vizibilita' ghall-imputat kienet wahda tajba minn fejn hareg ghaliex it-Triq principali hija pjuttost dritta.

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi qasira tal-gurisprudenza nostrana turi x'inhuma r-responsabilitajiet ta' sewwieq fit-triq.

Illi fid-decizjoni moghtija fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella**, il-Qorti qalet hekk:

> "*Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha ddritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "main road user". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "side road user", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghattraffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" - Il-Pulizija vs. Anthony Galea, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); Joseph Rizzo vs. Paul Micallef, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974;*

*Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax ilmanuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue, Appell Civili, 2 ta' April 1976".*

Illi, apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala proper look out specjalment meta jkun qed jaghmel manuvra eccezzjonali bhal dik li kien qed jaghmel l-imputat. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004]), il-Qorti kkwotat sintezi mehuda minn decizjoni precedenti (deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD]) u sostniet:

"G*ie appropositu ritenut li hu dover ta' driver "to see what is in plain view" (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])".*

Illi fi __Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.__ (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Jirrizulta ghalhekk illi li l-kawza prossima tal-akkadut kien il-hrug inopportun u affrettat tal-imputat minn genb it-triq sabiex ikun jista' jaghmel il-manuvra ta' *U-Turn* . Illi rrizulta wkoll illi l-imputat ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji u jirrizulta

wkoll li ma kellux il-*proper lookout* li huwa rikjest li ghandu jkollu altrimenti kien jinduna li kien gej il-vittma Stephen Muscat ezatt warajh.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: __Il-Pulizija vs Gaetano Schembri__ (16.3.1961); __Il-Pulizija vs John Polidano__ (3.11.1963); __Il-Pulizija vs Rev. C. Mifsud__ (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Ikkunsidrat:

Illi mill-assjem tal-provi prodotti kif applikat fil-gurisprudenza nostrana, johrog car id-dinamika tal-incident. Illi l-imputat hareg bil-kawtela kollha mit-triq sekondarja sakemm wasal ghal nofs it-triq sabiex jghaddi ghall-karreggjata l-ohra. Meta kien qieghed wieqaf f'nofs it-triq tigi l-vettura l-ohra b'velocita' aktar

eccessiva ghal dak previst f'dik it-triq, non kuranti tas-sinjal li kien hemm ftit qabel li ghandu jnaqqas il-velocita', u meta ra l-vettura tal-imputat f'nofs it-triq (li ma kinitx qed timblokka l-ebda traffiku) dan minflok lewa ghax-xellug lewa ghal-lemin u cioe' ghal gol-imputat. Li kieku l-velocita' kienet wahda accettabbli, kieku s-sewwieq l-iehor kien ikollu cans li jahseb u bil-kalma jilwi ghan-naha tax-xellug u l-incident ma kienx isir.

Illi rrizulta li x-xhud Mario Barbara assuma r-responsabilita' ta' dan l-incident fi proceduri separati tant li ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u fil-fatt gie kkundannat.

Illi rrizulta wkoll illi l-imputat ma ghamel xejn li seta' jippenalizzah meta kien qed isuq, fil-fatt hareg li kien diligenti ghall-ahhar meta hareg mit-triq tieghu u li kellu *a proper lookout* necessarju bhala sewwieq li kien hiereg minn triq laterali ghal triq principal u ghaldaqstant ir-responsabilita' tal-incident ma kinitx tieghu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Mario Mallia** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghalhekk tilliberah minnhom stante li ma gewx ippruvati.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**